

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Mejju 2012

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tar-Regolamenti tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Injam u tal-Prodotti Derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)

(2012/374/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'Mejju 2003, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "L-Infurzar tar-Regolamenti tal-Forestrija, Governanza u Kummerċ (FLEGT) — Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea", li għamlet appell għal miżuri biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar permezz tal-iżvilupp ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja mal-pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-Pjan ta' Azzjoni ġew adottati f'Ottubru tal-2003 ⁽¹⁾ u l-Parlament Ewropew għadda riżoluzzjoni dwar dan is-suġġet fil-11 ta' Lulju tal-2005 ⁽²⁾.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/790/UE ⁽³⁾, il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tar-Regolamenti tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Injam u tal-Prodotti Derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie ffirmat fit-28 ta' Novembru 2011, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-Infurzar tar-Regolamenti

tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Injam u tal-Prodotti Derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tagħmel, fisem l-Unjoni, in-notifika skont l-Artikolu 30 tal-Ftehim, sabiex l-Unjoni tintrabat.

Artikolu 3

L-Unjoni għandha tiġi rappreżentata minn rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim stabbilit skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim.

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw bħala membri tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 4

Għall-finijiet tal-emendament tal-Annessi tal-Ftehim fuq il-bażi tal-Artikolu 26(3) tiegħu, il-Kummissjoni hija awtorizzata, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea ⁽⁴⁾, biex tapprova dawn l-emendi fisem l-Unjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. GJERSKOV

⁽¹⁾ ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 482.⁽³⁾ ĠU L 320, 3.12.2011, p. 2.⁽⁴⁾ ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1. Ħarġa Speċjali bil-Malti ĠU L 352M, 31.12.2008, p. 416.